TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Rosalie Micallef

vs

Idea Casa Co. Ltd - Poltrone Sofa

CCT 4/18/MS

8 ta' Awwissu 2018

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti pprezentat fit-8 ta' Jannar 2018 fejn talbet ir-rifuzjoni ta' €1383.00, prezz ta' sufan mixtri minghand is-socjeta' intimata, liema sufan tilef il-forma tieghu

Ra illi s-socjeta' intimata debitament notifikata ma dahlet l-ebda risposta u ma deher hadd biex jirraprezentaha quddiem dan it-Tribunal.

Sema x-xhieda tar-rikorrenti bil-gurament.

Ra d-dokumenti kollha tal-process.

Ra l-verbal tal-4 ta' Gunju 2018 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza in diffett ta' ostakolu ghat-8 ta' Awwissu 2018.

Ikkunsidra

Irrizulta mill-provi ili f'Novembru tal-2014, ir-rikorrenti xtrat sufan (*reclining*) b'zewg muturi elettrici, wahda f'kull naha. F'Mejju 2016 mutur minnhom ma baqax jahdem. Kien gie xi hadd mis-socjeta' intimata biex jara x'kien hemm bzonn isir u ddecieda li kellu jinbidel il-mutur. Ir-rikorrenti tghid illi dakinhar kienet hadet l-okkazjoni biex tghid lil din il-persuna illi kien hemm diffett iehor fil-*cushioning* peress illi dan kien ceda u ma kienx baqa' komdu. Sussegwentement saru diversi telefonati min-naha tar-rikorrenti biex tara meta kien ser isir ix-xoghol fuq is-sufan - kemm fuq il-mutur kif ukoll ghal *cushioning* - pero' ir-rikorrenti tghid illi kien hemm nuqqas serju ta' kooperazzjoni min-naha tas-socjeta' intimata.

Illi fil-mori ta' din il-pendenza jidher illi kien hemm xi zvilupp, tant illi meta xehdet quddiem dan it-Tribunal, ir-rikorrenti tghid illi l-kwistjoni tal-mutur giet sorvolata u l-ilment taghha baqa' limitat biss ghal kwistjoni tal-*cushioning* peress ili hi xorta ma setghetx tgawdi s-sufan u toqghod komda fuqu.

It-Tribunal ra ukoll l-emails illi saru referenza ghalihom fix-xhieda tar-rikorrenti u li gew prezentati, fejn jidher illi fi sforz biex jintlahaq arrangment, ir-rikorrenti ssospendiet il-proceduri quddiem dan it-Tribunal, pero' minn dan kollu ma gara xejn peress illi s-socjeta' intimata baqghet inadempjenti.

Ikkunsidra

Illi it-Tribunal m'ghandux il-konfort tal-versjoni tas-socjeta' intimata minhabba nuqqas taghha stess peress illi nononstante id-diversi differimenti u notifiki din ma wriet l-ebda interess f'dawn il-proceduri.

Irrizulta mill-provi illi wara sena u nofs mix-xiri ta' dan is-sufan il-problemi bdew jinqalghu, l-ewwel fuq il-mutur umbaghad fil-*cushioning*. Jidher illi l-problema tal-mutur giet sorvolata pero' baqghet il-kwistjoni tal-*cushioning*. Kien hemm xi forma ta' kooperazzoni min-naha tas-socjeta' intimata meta din infurmat lir-rikorrent illi kienet ikuntattjat lil *mother company* ghal xi *spare parts*. Pero jidher illi ma kien hemm l-ebda *follow-up* mill-kumpanija sussegwenti ghal dan l-email. Wara dan, kien hemm silenzju assolut mis-socjeta' intimata.

Ovvjament b'din l-attitudini, it-Tribunal ma jistax ma jurix simpatija mat-talba tar-rikorrenti fejn din hallset flus tajba ghal dan is-sufan u ma haditx is-servizz misthoqq mis-socjeta' intimata. Ghalhekk it-Tribunal iqis il-versjoni tar-rikorrenti bhala verosimili u t-talba taghha jisthoqq li tkun milqugha, b'forma ridotta peress illi tajjeb jew hazin is-sufan intuza almenu ghal sena u nofs.

Ghal dawn il-motivi, jaqta u jiddeciedi illi jilqa' parzjalment it-talba tar-rikorrenti u jikundanna lis-socjeta' intimata li tirrifondilha s-somma ta' elf Euro (€1,000), bi dritt taghha li tiehu lura s-sufan mertu tal-kawza wara li jigi saldat il-prezz. Bl-ispejjes kontra l-istess socjeta' intimata.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru